# Esperjenzi u perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu

# It-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE

## Sommarju




*L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikonoxxi d-dritt li ma jkunx hemm diskriminazzjoni kontra n-nies, inkluż abbażi ta' razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra.*

L-aħħar li għaddejt minn fejn waħda mill-ħafna sinagogi sbieħ tal-Ewropa, kien hemm uffiċjali tal-pulizija armati sa snienhom għassa fil-bibien tagħha? Mhix dehra sabiħa. Iżda, aktar minn 70 sena wara l-Olokawst, hija wkoll familjari wisq. Mhumiex biss is-sinagogi li jeħtieġu l-protezzjoni — f'għadd kbir ħafna ta' ċentri tal-komunità Lhudija u skejjel tal-Lhud, ukoll, hemm fis-seħħ miżuri speċjali ta' sigurtà. In-nies Lhud iħabbtu wiċċhom ukoll ma' kummenti ħodor online, fil-midja u fil-politika; jissaportu nies li jiċċassaw lejhom jew jagħmlu mossi ostili lejhom fin-naħat tagħhom; jiltaqgħu ma' graffiti u forom oħra ta' vandaliżmu; u jiffaċċjaw diskriminazzjoni f'postijiet soċjali, fl-iskola u fuq il-post tax-xogħol.

*"L-Antisemitiżmu fil-Ġermanja llum huwa l-istess bħal 30 sena ilu. Għal dawn l-aħħar 12-il sena, l-antisemitiżmu ma baqax tabù fil-Ġermanja, u għalhekk dan iseħħ aktar ta' spiss — b'mod verbali u fiżiku, fit-toroq Ġermaniżi u fil-midja soċjali."* (Mara, 60–69 sena, il-Ġermanja)

L-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha huma meħtieġa bil-liġi li jagħmlu dak kollu li huwa fis-setgħa tagħhom biex jiġġieldu kontra l-antisemitiżmu b'mod effettiv u biex jissalvagwardjaw id-dinjità tan-nies Lhud. Madankollu, il-Lhud madwar l-UE għadhom jesperjenzaw l-antisemitiżmu fil-forom ta' vandaliżmu, insulti, theddid, attakki u saħansitra qtil.

Il-persistenza u l-prevalenza tal-antisemitiżmu jfixklu l-abbiltà tan-nies li juru li huma Lhud, mingħajr biżgħat għas-sigurtà u l-benessri tagħhom, kif juru l-istħarriġiet fuq skala kbira tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tal-2012 u l-2018 dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE.

*"Il-mod kif l-affarijiet huma issa, jiena nesperjenza, pereżempju, li "Lhudi" hija insult komuni f'Copenhagen. Bħala Lhudija li trabbejt fid-Danimarka, jien minn dejjem kont nevita li nuri/ngħid lin-nies li jien Lhudija."* (Mara, 20–24 sena, id-Danimarka)

Huwa impossibbli li npoġġu numru fuq kemm jistgħu jkunu ta' ħsara tali realtajiet ta' kuljum. Iżda statistika xokkanti tibgħat messaġġ ċar: f'dawn l-aħħar ħames snin, f'madwar 12-il Stat Membru tal-UE fejn il-Lhud ilhom jgħixu għal sekli sħaħ, aktar minn terz jgħidu li qed jikkunsidraw jemigraw minħabba li m'għadhomx iħossuhom siguri bħala Lhud.

Il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu jeħtieġ li tkun sostnuta minn data robusta u affidabbli li tista' turi sa liema punt l-Istati Membri tal-UE jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-UE f'dak ir-rigward, prinċipalment id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg. Tali data, madankollu, rari tkun disponibbli, kif turi l-evidenza miġbura kull sena mill-FRA.[1] B'riżultat ta' dan, l-UE u l-Istati Membri tagħha

[1] FRA (2018), *Antisemitism: Overview of data available in the European Union 2007–2017*("Antisemitiżmu: Ħarsa ġenerali lejn id-data disponibbli fl-Unjoni Ewropea 2007–2017"), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

ta’ spiss jistgħu jieħdu deċiżjonijiet biss biex jiġġieldu l-antisemitiżmu abbażi ta’ evidenza inkonsistenti. Id-data u s-sejbiet tal-istħarriġ tal-FRA jindirizzaw dan in-nuqqas billi jippreżentaw informazzjoni dwar esperjenzi ta’ antisemitiżmu li kellhom nies fl-UE li jidentifikaw ruħhom bħala Lhud.

Fis-6 ta’ Diċembru 2018, il-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE bagħtu messaġġ ċar billi adottaw Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-iżvilupp ta’ approċċ ta’ sigurtà komuni sabiex jiġu protetti aħjar il-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud fl-Ewropa. Il-Kunsill jinnota li l-mibegħda antisemitika għadha mifruxa, kif ikkonfermat missejbiet tal-istħarriġ tal-FRA tal-2018, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE jieħdu miżuri biex jindirizzaw l-antisemitiżmu u jtejbu s-sigurtà tal-komunitajiet Lhud.

Dan is-sommarju jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet ewlenin tat-tieni stħarriġ tal-FRA dwar l-esperjenzi ta’ persuni Lhud rigward reati ta’ mibegħda, diskriminazzjoni u antisemitiżmu fl-Unjoni Ewropea — l-akbar stħarriġ fost il-persuni Lhud li qatt sar madwar id-dinja. L-istħarriġ ikopri 12-il Stat Membru tal-UE, u laħaq kważi 16 500 individwu li jidentifikaw bħala Lhud. Ir-riżultati mhumiex pjaċevoli biex taqrahom u jenfasizzaw li l-antisemitiżmu għadu pervażiv madwar l-UE — u, b’ħafna modi, ġie normalizzat b’mod inkwetanti.

*“Fuq ix-xogħol u fil-midja u l-midja soċjali, l-antisemitiżmu huwa okkorrenza ta’ kuljum li ma tiġix ripressa.”* (Mara, 40-44 sena, Franza)

# Sejbiet ewlenin u opinjonijiet tal-FRA

Abbażi tas-sejbiet tal-istħarriġ, l-FRA fformulat l-opinjonijiet li ġejjin biex tappoġġa lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE u nazzjonali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jipprevjenu u jiġġieldu l-antisemitiżmu. Dawn l-opinjonijiet jissupplimentaw dawk ifformulati mill-FRA fir-rapport tagħha dwar l-ewwel stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE, ippubblikat fl-2013. Minħabba l-prevalenza kontinwa tal-antisemitiżmu fuq il-post, l-opinjonijiet ifformulati fl-2013 jibqgħu validi fl-2018.

## L-antisemitiżmu hu pervażiv fil-ħajja ta' kuljum

**RIŻULTATI EWLENIN**

- Maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu (85 %) iqisu l-antisemitiżmu u r-razziżmu bħala l-aktar problemi urġenti madwar l-Istati Membri tal-UE mistħarrġa.
- Maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu (89 %) jemmnu li l-antisemitiżmu żdied matul l-aħħar ħames snin fil-pajjiż fejn jgħixu.
- Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu (72 %) jesprimu tħassib dwar iż-żieda tal-intolleranza lejn il-Musulmani.
- Maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu (89 %) iqisu l-antisemitiżmu espress online bħala problema fil-pajjiż li jgħixu fih.
- Maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu (88 %) jemmnu li l-antisemitiżmu online żdied matul l-aħħar ħames snin; il-biċċa l-kbira qalu li żdied "ħafna".
- Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ jgħidu li huma regolarment esposti għal dikjarazzjonijiet negattivi dwar il-Lhud. Maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu madwar il-pajjiżi kollha tal-istħarriġ (80 %) jidentifikaw l-internet bħala l-aktar forum komuni għad-dikjarazzjonijiet negattivi.

Is-sejbiet tal-istħarriġ jissuġġerixxu li l-antisemitiżmu, li jirriproduċi u jpoġġi f'moħħ in-nies sterjotipi negattivi dwar il-Lhud, huwa pervażiv fl-isfera pubblika. Sempliċiment il-fatt li huma Lhud iżid il-probabbiltà li jħabbtu wiċċhom ma' fluss sostnut ta' abbuż espress f'forom differenti, irrispettivament minn fejn imorru, x'jaqraw u ma' min jitkellmu. Tqabbil tal-istħarriġ tal-2012 u tal-2018 juri li l-perċezzjoni fost dawk li wieġbu li l-antisemitiżmu huwa problema li qed tikber fil-pajjiż fejn jgħixu qed tiżdied.

*"L-antisemitiżmu u r-razziżmu huma bħall-Wiener Schnitzel. Huma parti mill-wirt kulturali Awstrijak, bħall-ksenofobija u "aħna differenti". M'hemm xejn kontra xiex niġġieldu, sempliċiment li nrażżnu l-konsegwenzi għandu jkun biżżejjed."* (Raġel, 50-54 sena, l-Awstrija)

B'mod ġenerali, 9 minn kull 10 (89 %) li wieġbu fl-istħarriġ tal-2018 jħossu li l-antisemitiżmu żdied f'pajjiżhom fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ; aktar minn tmienja minn kull 10 (85 %) jikkunsidrawh bħala problema serja. Ir-rispondenti għandhom tendenza li jikklassifikaw l-antisemitiżmu bħala l-akbar problema soċjali jew politika fejn jgħixu. Huma jqisu li l-antisemitiżmu huwa l-aktar problematiku fuq l-internet u fuq il-midja soċjali (89 %), segwit minn spazji pubbliċi (73 %), il-midja (71 %) u fil-ħajja politika (70 %). L-aktar dikjarazzjonijiet antisemitiċi komuni li jiltaqgħu magħhom — u fuq bażi regolari — jinkludu li "l-Iżraeljani jaġixxu bħal Nażisti lejn il-Palestinjani" (51 %), li "l-Lhud għandhom wisq poter" (43 %) u li "l-Lhud jisfruttaw il-fatt li kienu vittmi tal-Olokawst għall-finijiet tagħhom" (35 %). Dawk li wieġbu jiltaqgħu l-aktar ma' dawn id-dikjarazzjonijiet online (80 %), segwiti mill-midja minbarra l-internet (56 %) u f'avvenimenti politiċi (48 %).

*"Jidher li n-Netherlands għajjew bl-antisemitiżmu. Qisu huwa suġġett li jiġi trivjalizzat u anki fuq il-midja soċjali, huwa meqjus bħala normali ħafna. [...] Inkwetanti immens!"* (Mara, 35-39 sena, in-Netherlands)

*"Naħseb li l-Iżvezja assolutament ma kinitx antisemitika qabel, imma s-sitwazzjoni nbidlet, huwa dan li nħoss diffiċli. Qabel, ma kontx nibża' ngħid li jien Lhudija; it-tfal tiegħi saħansitra kienu jarawha ħaġa interessanti meta kienu adoloxxenti u riedu jkunu speċjali. Illum il-ġurnata, noqgħod iżjed lura milli niddiskuti l-isfond tiegħi. Ninsab imħassba dwar il-futur."* (Mara, 70-79 sena, l-Iżvezja)

**Figura 1: L-antisemitiżmu huwa meqjus bħala problema fil-pajjiż illum, skont l-Istat Membru tal-UE (%)[a,b,c,d]**




Noti: [a] *Minn dawk kollha li wieġbu (n = 16 395); ir-riżultati tal-pajjiż mhumiex peżati, il-medja ta' 12-il pajjiż hija peżata; ordnati skont "problema kbira ħafna".*
[b] *Mistoqsija: B02. Fl-opinjoni tiegħek, kemm hi kbira l-problema, jekk hemm problema, ta' kull waħda minn dawn li ġejjin fi [PAJJIŻ] illum? Tweġiba: D. Antisemitiżmu.*
[c] *Xi bars ma jammontawx għal 100 %; dan minħabba li n-numri ġew arrotondati.*
[d] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

Sors: *FRA, 2018*

F'dan il-kuntest, huwa ta' inkoraġġiment li f'Ġunju 2017 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, li tappella għal aktar sforzi fil-livelli lokali, nazzjonali u Ewropej. Dan isegwi għadd ta' inizjattivi mill-Kummissjoni Ewropea fil-livell tal-UE, kif ukoll globalment.[2] Dawn jinkludu l-ħatra ta' koordinatur għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu f'Diċembru 2015; l-istabbiliment fl-2016 ta' Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza, li ta gwida politika biex jitjiebu r-reazzjonijiet għal reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda inklużi l-kriminalità antisemitika u d-diskors; u l-qbil ma' kumpaniji tal-IT dwar kodiċi ta' kondotta għall-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online f'Mejju 2016.

*"M'hemm l-ebda antisemitiżmu fl-Ungerija, irrispettivament minn kif jippruvaw jpinġu din l-istampa dwar dan il-pajjiż. Hemm weġgħat storiċi, iżda dawn qed ifiequ tajjeb."* (Raġel, 20-24 sena, l-Ungerija)

Xi Stati Membri wieġbu billi ħatru koordinaturi għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, filwaqt li oħrajn adottaw jew approvaw definizzjoni ta' ħidma li ma torbotx legalment tal-antisemitiżmu[3] miftiehma f'Mejju 2016 mill-Alleanza Internazzjonali għat-Tfakkir tal-Olokawst (IHRA) u milqugħa mill-Kummissjoni bħala inizjattiva utli li għandha l-għan li tipprevjeni u tiġġieled l-antisemitiżmu. Link għad-definizzjoni tal-IHRA hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni.[4]

2 Fl-2016, l-UE flimkien mal-Kanada, l-Istati Uniti u l-Iżrael organizzaw l-ewwel Forum ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Antisemitiżmu Globali biex ikomplu jippromwovu l-isforzi tal-UE biex jiġi indirizzat l-antisemitiżmu globalment.

3 Ara s-*sit web* tal-Alleanza Internazzjonali għat-Tfakkir tal-Olokawst.

4 Ara l-*paġna web dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu* tal-Kummissjoni.

Madankollu, diversi Stati Membri għad iridu jimplimentaw bis-sħiħ u b'mod korrett id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (2008/913/ĠAI) fil-liġi nazzjonali. Din id-Deċiżjoni Qafas tiddefinixxi approċċ komuni tal-liġi kriminali madwar l-UE biex jilqa' kontra manifestazzjonijiet severi ta' razziżmu jew ksenofobija, u għalhekk ukoll antisemitiżmu, inkluż f'"każijiet fejn l-imġiba titwettaq permezz ta' sistema ta' informazzjoni" (Artikolu 9). Il-qerda tal-antisemitiżmu mill-isfera pubblika titlob azzjoni sostnuta u deċiżiva biex tkisser l-isterjotipar negattiv persistenti tal-Lhud, inkluż online.

**Opinjoni 1 tal-FRA**

*L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' miżuri ddedikati għall-prevenzjoni tal-antisemitiżmu fl-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali rilevanti. Il-miżuri żviluppati biex jipprevjenu l-antisemitiżmu għandhom jinkludu enfasi speċifika fuq is-sensibilizzazzjoni, inkluża enfasi fuq l-edukazzjoni dwar l-Olokawst. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-effettività tal-miżuri żviluppati tiġi evalwata b'mod sistematiku. Il-koordinaturi nazzjonali għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, kif ukoll firxa wiesgħa ta' msieħba soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u gruppi tal-komunità — inklużi dawk mhux Lhud — għandhom ikunu involuti mill-qrib fl-iżvilupp ta' miżuri ta' prevenzjoni, kif ukoll fl-evalwazzjoni tal-effettività tagħhom.*

## L-antisemitiżmu pervażiv idgħajjef is-sentimenti tas-sikurezza u s-sigurtà tal-Lhud

**RIŻULTATI EWLENIN**

- Kważi nofs (47 %) dawk li wieġbu jinkwetaw li se jkunu vittmi ta' insult verbali jew fastidju antisemitiku fit-12-il xahar li ġejjin, filwaqt li aktar minn terz (40 %) jinkwetaw li jiġu attakkati fiżikament fl-istess perjodu.
- Terz (34 %) ta' dawk kollha li wieġbu qalu li tal-inqas kultant jevitaw li jżuru avvenimenti jew siti tal-Lhud minħabba li ma jħossuhomx siguri hemm, jew fi triqthom 'l hemm, bħala Lhud. Aktar minn terz ta' dawk kollha li wieġbu (38 %) jevitaw ċerti postijiet fiż-żona jew fil-viċinat lokali tagħhom tal-inqas kultant għaliex ma jħossuhomx siguri hemm bħala Lhud.
- Madwar it-12-il Stat Membru tal-UE mistħarrġa, nofs dawk li wieġbu (49 %) tal-inqas xi drabi jilbsu, iġorru jew juru oġġetti li jistgħu jidentifikawhom bħala Lhud. Minn dawk li wieġbu li tal-inqas kultant iġorru jew juru tali oġġetti, aktar minn żewġ terzi (71 %) tal-inqas kultant jevitaw li jagħmlu dan.
- Aktar minn terz ta' dawk kollha li wieġbu qiesu li jemigraw (38 %) f'dawn l-aħħar ħames snin minħabba li ma jħossuhomx siguri bħala Lhud fil-pajjiż fejn jgħixu.
- Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu (70 %) jemmnu li l-isforzi tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom biex jiġġieldu l-antisemitiżmu mhumiex effettivi. Sadanittant, nofs dawk li wieġbu (54 %) jivvalutaw b'mod pożittiv l-isforzi tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom biex jiżguraw il-ħtiġijiet ta' sigurtà tal-komunitajiet Lhud — iżda l-livell ta' sodisfazzjon bi sforzi bħal dawn ivarja ħafna bejn il-pajjiżi.

*"Jien ma nibżax meta noħroġ fit-triq, għax il-mezuza tiegħi tinsab ġewwa d-dar tiegħi u ma tidhirx. Allura, dawk li jidħlu fil-appartament tiegħi biss jistgħu jarawha. Nibża' npoġġi l-mezuza fuq in-naħa ta' barra."* (Mara, 30-34 sena, Spanja)

Is-sejbiet tal-istħarriġ juru li ħafna Lhud madwar l-UE ma jistgħux jgħixu ħajja mingħajr inkwiet għas-sigurtà tagħhom u dik tal-membri tal-familja tagħhom u ta' individwi oħra li huma qrib tagħhom. Dan minħabba r-riskju li jisfaw fil-mira ta' fastidju u attakki antisemitiċi. Sensazzjonijiet ta' nuqqas ta' sigurtà fost il-Lhud wasslu wkoll biex xi wħud jikkunsidraw li jemigraw. Tqabbil tas-sejbiet mill-istħarriġ tal-2012 u tal-2018 juri livelli simili ta' esperjenzi ta' fastidju u vjolenza antisemitiċi fost il-Lhud fl-UE. Is-sejbiet juru wkoll livelli simili ta' inkwiet fost dawk li wieġbu li jisfaw, jew il-membri tal-familja tagħhom u persuni oħra li huma qrib tagħhom, fil-mira ta' fastidju jew vjolenza antisemitiċi.

*"Ninsab mbeżżgħa ħafna dwar is-sigurtà ta' ibni li jattendi skola Lhudija. Kuljum nistaqsi lili nnifsi jekk għandix nibagħtu xi skola oħra."* (Mara, 30–34 sena, il-Belġju)

*“Ninsab mbeżża’ dwar il-futur ta’ wliedi, peress li “Lhudi” hija tgħajjira fid-distrett tiegħi, u n-nies tant jobogħdu lil-Lhud li l-ħajja ma tfisser xejn. Nibżgħu li t-tfal tagħna se jiġu attakkati b’xi mod jew ieħor.”* (Raġel, 45–49 sena, id-Danimarka)

Is-sejbiet mill-istħarriġ tal-2018 juru li mijiet ta’ rispondenti personalment esperjenzaw attakk fiżiku antisemitiku fit-12-il xahar ta’ qabel l-istħarriġ. Aktar minn wieħed minn kull erbgħa (28 %) ta’ dawk kollha li wieġbu esperjenzaw fastidju antisemitiku mill-inqas darba matul dak il-perjodu. Dawk li jilbsu, iġorru jew juru oġġetti fil-pubbliku li jistgħu jidentifikawhom bħala Lhud huma soġġetti għal aktar fastidju antisemitiku (37 %) minn dawk li ma jagħmlux dan (21 %).

*“Jien nisma’ b’ħafna inċidenti u ninsab imħasseb dwari u dwar il-familja. Ta’ spiss inkunu anzjużi fis-sinagoga jew f’avvenimenti oħra tal-Lhud għax inkunu inkwetati dwar x’jista’ jiġri. Madankollu, l-esperjenza personali tiegħi bħala raġel li nilbes il-kippa hija tajba ħafna. Fl-istess ħin, għadni ma nħossnix komdu f’postijiet inqas Lhudin (jiġifieri kważi kullimkien).”* (Raġel, 55–59 sena, ir-Renju Unit)

*“Innutajt li persuni Lhud tal-ġenerazzjoni tiegħi (inkluż jien stess) jesperjenzaw żieda qawwija fis-sensazzjoni ta’ nuqqas ta’ sigurtà u li mhumiex milqugħa bħala Lhud fin-Netherlands.”* (Mara, 30-34 sena, in-Netherlands)

**Figura 2: Esperjenza ta' fastidju antisemitiku (tlieta mill-aktar forom mifruxa esperjenzati darba jew aktar), f'dawn l-aħħar 12-il xahar, skont l-Istat Membru tal-UE (%)[a,b]**




*Noti:* [a] *Minn dawk kollha li wieġbu (n = 16 395); ir-riżultati tal-pajjiż mhumiex peżati.*
[b] *Mistoqsijiet: C03. Fl-AĦĦAR 12-IL XAHAR fi [PAJJIŻ], xi ħadd:*
- *għadda kummenti offensivi jew ta' theddida lilek f'wiċċek;*
- *għamel ġesti offensivi lejk jew iċċassa lejk b'mod mhux xieraq;*
- *kiteb kummenti offensivi dwarek fuq l-internet, inkluż fil-midja soċjali?*

*C04a. Dan seħħ GĦAX inti Lhudi?*

*Sors:* *FRA, 2018*

*"Fil-Ġermanja l-antisemitiżmu tesperjenzah aktar meta ma taħbix li inti Lhudi/tkun viżibbli."* (Mara, 30-34 sena, il-Ġermanja)

Wieħed minn kull ħamsa (20 %) ta' dawk li wieġbu jafu membri tal-familja jew persuni oħra qrib tagħhom li ġew insultati b'mod verbali, ingħataw fastidju jew ġew attakkati fiżikament. Kważi nofs dawk li wieġbu kienu inkwetati li kienu soġġetti għal insulti verbali jew fastidju antisemitiċi (47 %), u 4 minn kull 10 kienu inkwetati dwar attakk fiżiku antisemitiku (40 %).

*"L-ebda wieħed mill-ħbieb tiegħi fejn ngħix jew fejn naħdem ma jaf li jien Lhudi. Uliedna ma jafux bl-isfond Lhudi tiegħi, għax ninsab imwerwer li kieku jirċievu kummenti dwar dan l-iskola. M'għadnix immur is-sinagoga, għax ma jaqbilx jekk minħabba dan nisfaw fil-mira ta' xi ħaġa. L-aħjar ħaġa kienet meta żżewwiġt, minħabba li issa l-aħħar isem tiegħi huwa "Svensson"."* (Mara, 40-44 sena, l-Iżvezja)

Wieħed minn kull tlieta (34 %) ta' dawk li wieġbu jevitaw li jżuru avvenimenti jew siti Lhud minħabba li ma jħossuhomx siguri bħala Lhud meta jkunu hemm jew fi triqithom 'l hemm. Aktar minn terz ikkunsidraw li jemigraw (38 %) fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ għaliex ma ħassewhomx siguri bħala Lhud fil-pajjiż fejn jgħixu.

*"Meta tmur avveniment tal-Lhud, ikun kemm ikun żgħir, dejjem jeħtieġ li tirreġistra u jkun biss wara li tagħmel dan li ssir taf il-post. Ma tħossokx aktar sigur biex tmur xi mkien fejn jiltaqgħu ħafna Lhud."* (Mara, 55-59 sena, in-Netherlands)

*"Qatt ma nilbes kwalunkwe simbolu Lhudi fil-pubbliku u dejjem inħares lura meta nattendi avveniment Lhudi. [...] Irrid biss li nitħalla fil-paċi u nkun nista' nipprattika r-reliġjon tiegħi."* (Mara, 40-44 sena, l-Iżvezja)

Aktar minn nofs dawk li wieġbu (54 %) jivvalutaw b'mod pożittiv l-isforzi tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom biex jiżguraw il-ħtiġijiet ta' sigurtà tal-komunitajiet Lhud. Iżda 7 minn kull 10 (70 %) jemmnu li l-gvern f'pajjiżhom ma jiġġilidx l-antisemitiżmu b'mod effettiv.

Esperjenzi ripetuti ta' antisemitiżmu jillimitaw severament it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tal-persuni, inkluża l-protezzjoni tad-dinjità umana tagħhom, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħhom, jew il-libertà talħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon tagħhom. Huwa inkoraġġanti li ħafna Lhud jemmnu li l-gvern tagħhom qed jagġmel biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-komunitajiet tagħhom. Madankollu, il-fatt innifsu li miżuri speċjali tas-sigurtà — pereżempju, madwar sinagogi, ċentri talkomunità Lhudija u skejjel — huma meħtieġa fuq bażi bejn wieħed u ieħor permanenti biex jiżguraw is-sigurtà tal-komunitajiet Lhud jiġbed l-attenzjoni lejn sitwazzjoni soċjali persistenti u aktar profonda. L-Istati Membri jeħtieġ li jkunu sodi flimpenn tagħhom li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-protezzjoni tal-komunitajiet Lhud.

*"Nemmen li l-biża' tal-antisemitiżmu hija akbar mir-realtà."* (Raġel, 40-44 sena, ir-Renju Unit)

*"Jiena nilbes katina bl-Istilla ta' David, imma ma nilbisiex b'mod konxju fil-pubbliku, għax nipprova nevita reazzjonijiet antisemitiċi minħabba f'hekk."* (Mara, 16-19-il sena, il-Belġju)

**Opinjoni 2 tal-FRA**

*L-Istati Membri għandhom jikkooperaw sistematikament mal-komunitajiet tal-Lhud fil-qasam tas-sigurtà u l-protezzjoni ta' siti Lhudin. L-Istati Membri għandhom ikomplu jimplimentaw miżuri ta' sigurtà u jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tas-sigurtà tal-komunità Lhudija jkunu ffinanzjati b'mod xieraq. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jimmonitorjaw mill-qrib u regolarment il-bidliet filprevalenza ta' reati ta' mibegħda u s-sentimenti ta' sikurezza u sigurtà fost il-Lhud — inkluż permezz tat-twettiq ta' stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni — biex jgħinu fil-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri ta' sigurtà li jittieħdu.*

# Il-fastidju antisemitiku tant huwa komuni li jsir normalizzat.

## RIŻULTATI EWLENIN

- Bħala medja, aktar minn terz ta' dawk kollha li wieġbu (39 %) esperjenzaw xi forma ta' fastidju antisemitiku fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Aktar minn kwart (28 %) iffaċċjaw dan it-tip ta' fastidju fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ.
- Dawk li wieġbu għall-istħarriġ jidentifikaw il-kontenut antisemitiku fuq l-internet bħala l-aktar forma akuta ta' antisemitiżmu. Madankollu, kummenti li jsiru personalment, u ġesti offensivi jew iċċassar mhux xieraq, huma l-aktar forom komuni ta' fastidju antisemitiku esperjenzat personalment minn dawk li wieġbu — pereżempju, 18 % u 16 %, rispettivament, qalu li kienu ffaċċjati b'dawn il-forom ta' fastidju fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ.
- F'termini tal-aktar inċident serju ta' fastidju antisemitiku esperjenzat fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, matul il-biċċa l-kbira ta' dawn l-inċidenti, intużat lingwa antisemitika. Barra minn hekk, il-fastidju seħħ f'sitwazzjonijiet fejn kien possibbli li r-rispondenti jiġu identifikati bħala Lhud. (Bħala medja, tnejn minn kull tlieta li wieġbu nnutaw dawn iż-żewġ aspetti matul l-inċidenti rispettivi).
- Meta ntalbu jiddeskrivu l-awtur tal-aktar inċident serju ta' fastidju antisemitiku li esperjenzaw fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ — sa fejn possibbli u abbażi tal-perċezzjonijiet tagħhom — f'31 % tal-każijiet dawk li wieġbu identifikaw l-awtur bħala persuna li ma jafux, f'30 % bħala xi ħadd b'fehmiet estremisti Musulmani, u f'21 % tal-każijiet bħala xi ħadd b'fehmiet politiċi xellugin.
- Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu (79 %) li esperjenzaw fastidju antisemitiku fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ ma rrappurtawx l-inċident l-aktar serju lill-pulizija jew lil kwalunkwe organizzazzjoni oħra.
- Kważi nofs (48 %) ta' dawk li wieġbu li ma rrappurtawx l-inċident l-aktar serju lill-pulizija qalu li xejn ma kien jinbidel kieku għamlu dan. Proporzjon simili (43 %) ta' dawk li wieġbu ma qisux li l-inċident kien serju biżżejjed.
- Madwar it-12-il pajjiż mistħarrġa, 3 % ta' dawk kollha li wieġbu esperjenzaw personalment attakk fiżiku minħabba li huma Lhud fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, 2 % ta' dawk kollha li wieġbu esperjenzaw attakk fiżiku minħabba li huma Lhud.
- Madwar it-12-il pajjiż mistħarrġa, 4 % ta' dawk kollha li wieġbu jgħidu li l-proprjetà tagħhom kienet ivvandalizzata apposta minħabba li huma Lhud fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ; 2 % esperjenzaw dan fit-12-il xahar qabel l-istħarriġ.

Is-sejbiet tal-istħarriġ jissuġġerixxu li n-nies jiffaċċjaw abbuż antisemitiku tant li xi wħud mill-inċidenti li jesperjenzaw jidhru trivjali f'għajnejhom. Iżda kwalunkwe inċident antisemitiku huwa fil-qalba tiegħu attakk fuq id-dinjità ta' persuna u ma jistax jitqies bħala sempliċi inkonvenjenza. Kemm l-istħarriġ tal-2012 kif ukoll dak tal-2018 juru li dawk li wieġbu jirrappurtaw ammont żgħir ħafna ta' inċidenti ta' antisemitiżmu lill-pulizija jew lil istituzzjoni oħra. Tqabbil tar-riżultati taż-żewġ stħarriġiet juri li l-kategoriji tal-awturi ta' fastidju antisemitiku jibqgħu konsistenti, b'ċerti kategoriji ta' individwi konsistentement rappreżentati żżejjed bħala awturi.

*"Jiena qatt ma nidentifika ruħi fil-pubbliku biex nevita d-diskriminazzjoni. Is-soċjetà Spanjola mhijiex esposta għal ħafna reliġjonijiet u ma tifhimx il-Ġudaiżmu u nibża' li nitqies bħala "stramba". Nippreferi nintegra fis-soċjetà fil-ħajja ta' kuljum."* (Mara, 30–34 sena, Spanja)

Is-sejbiet mill-istħarriġ tal-2018 juru li 8 minn kull 10 li wieġbu (79 %) li esperjenzaw fastidju antisemitiku fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ ma rrappurtawx l-inċident l-aktar serju lill-pulizija jew lil organizzazzjoni oħra. Ir-raġunijiet ewlenin mogħtija għan-nuqqas ta' rappurtar ta' inċidenti huma l-ħsieb li xejn ma kien se jinbidel b'riżultat ta' dan (48 %); li l-inċident ma kienx meqjus serju biżżejjed biex

jiġi rrappurtat (43 %); jew għax ir-rappurtar kien ikun wisq inkonvenjenti jew jikkawża wisq problemi (22 %).

Hemm evidenza tan-normalizzazzjoni tal-antisemitiżmu wkoll fil-firxa wiesgħa ta' awturi, li tkopri l-ispettru soċjali u politiku kollu. Il-kategoriji l-aktar imsemmija ta' awturi tal-aktar inċident serju ta' fastidju antisemitiku esperjenzat minn dawk li wieġbu jinkludu xi ħadd li ma jafux (31 %); xi ħadd b'fehma Musulmana estremista (30 %); xi ħadd b'fehma politika xellugija (21 %); kollega fuq il-post tax-xogħol/tal-edukazzjoni (16 %); xi ħadd li jafu jew ħabib (15 %); u xi ħadd b'fehma politika leminija (13 %).

*"Jiena qatt ma nammetti li jiena Lhudija; għax nibża'. 2 persuni biss jafu l-isfond tiegħi. [...] Ma tistax issir diskriminazzjoni kontrija jekk ħadd ma jkun jaf li jiena Lhudija. Inwieġeb mistoqsija diretta dwar in-nazzjonalità tiegħi b'gidba."* (Mara, 50-54 sena, il-Polonja)

**Figura 3: Rappurtar tal-aktar inċident serju ta' fastidju antisemitiku f'dawn l-aħħar 5 snin, skont l-Istat Membru tal-UE (%)[a,b,c,d]**




Noti:
[a] *Minn dawk li wieġbu li esperjenzaw xi forma ta' fastidju antisemitiku f'dawn l-aħħar ħames snin (n = 6 486); il-medji ta' 12-il pajjiż huma peżati.*
[b] *Mistoqsija: C08. Inti jew xi ħadd ieħor irrapporta dan l-inċident lill-pulizija jew lil xi organizzazzjoni oħra?*
[c] *Xi bars ma jammontawx għal 100 %; dan minħabba li n-numri ġew arrotondati.*
[d] *Ir-riżultati li huma bbażati fuq numru żgħir ta' tweġibiet huma statistikament inqas affidabbli. Għalhekk, fil-parentesi huma nnutati riżultati bbażati fuq 20 sa 49 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp jew ibbażati fuq ċelluli b'inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati. Ir-riżultati bbażati fuq inqas minn 20 osservazzjoni mhux ippeżati f'total ta' grupp mhumiex ippubblikati.*

Sors: *FRA, 2018*

Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tistipula li l-vittmi għandhom jiġu ttrattati b'rispett u b'mod sensittiv mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe bażi, inkluża r-reliġjon (il-Premessa 9). Skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva, il-vittmi kollha huma intitolati għal valutazzjoni dwar jekk humiex meħtieġa miżuri li jipproteġuhom minn aktar vittimizzazzjoni. Din il-valutazzjoni trid tqis il-karatteristiċi personali tal-vittma, inkluż ir-reliġjon fejn tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni

tal-vittma. Id-Direttiva tenfasizza b'mod partikolari każijiet fejn reat ikun twettaq b'motiv diskriminatorju li jirrelata mal-karatteristiċi personali tal-vittma, inkluż ir-reliġjon. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom dmir speċjali li jivvalutaw ir-riskji ta' aktar vittimizzazzjoni motivata minn din il-karatteristika. Id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija tirrikjedi li l-motivazzjoni tal-preġudizzju tiġi kkunsidrata bħala ċirkostanza aggravanti jew titqies mill-qrati fid-determinazzjoni tal-penali mogħtija lit-trasgressuri (l-Artikolu 4). L-implimentazzjoni sħiħa tal-liġi tal-UE tinvolvi li l-vittmi jiġu mħeġġa jirrappurtaw reati antisemitiċi lill-pulizija, kif ukoll li jiġi żgurat li l-pulizija jirreġistraw b'mod xieraq il-motivazzjoni tal-preġudizzji fil-ħin tar-rapportar.

### Opinjoni 3 tal-FRA

*L-Istati Membri għandhom jimplimentaw bis-sħiħ u b'mod korrett id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE) fil-liġi nazzjonali biex jiġi żgurat li l-vittmi tal-antisemitiżmu jirċievu l-appoġġ li jeħtieġu meta jirrappurtaw l-inċidenti lill-awtoritajiet rilevanti. L-Istati Membri għandhom ukoll jimplimentaw b'mod sħiħ u korrett id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (2008/913/ĠAI) fil-liġi nazzjonali biex jiġi żgurat li pieni kriminali effettivi, proporzjonali u dissważivi jingħataw b'mod konsistenti lit-trasgressuri. Is-sistemi tal-ġustizzja kriminali fl-Istati Membri ukoll għandhom jirrappurtaw b'mod regolari dwar il-pieni mogħtija lit-trasgressuri u dwar ir-raġunament tal-qrati f'sentenzi rilevanti.*

## Id-diskriminazzjoni antisemitika f'oqsma ewlenin tal-ħajja għadha inviżibbli

### RIŻULTATI EWLENIN

- B'mod ġenerali, 11 % ta' dawk kollha li wieġbu jgħidu li ħassew li saret diskriminazzjoni kontrihom minħabba li kienu Lhud fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ f'wieħed jew aktar mill-ħames oqsma elenkati fl-istħarriġ — l-impjieg (fuq il-post tax-xogħol jew meta wieħed ikun qed ifittex xogħol), l-edukazzjoni, is-saħħa jew l-akkomodazzjoni.
- Aktar minn tlieta minn kull erbgħa (77 %) ta' dawk li jgħidu li ħassew li kienu qed issir diskriminazzjoni kontrihom fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ minħabba li huma Lhud ma rrappurtawx l-aktar inċident serju lil xi awtorità jew organizzazzjoni.
- Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu (52 %) li ħassew li saret diskriminazzjoni kontrihom fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ u li ma rrappurtawx l-inċident l-aktar serju mkien jgħidu li ma kinux fiduċjużi li r-rappurtar tal-inċident se jtejjeb is-sitwazzjoni tagħhom. Terz ta' dawk li wieġbu li ħassew li saret diskriminazzjoni kontrihom u li ma rrappurtawx l-inċident l-aktar serju jgħidu li ma rrappurtawhx minħabba li ma kienx serju biżżejjed (34 %) jew ma kellhomx provi (33 %).
- Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu huma konxji tal-leġiżlazzjoni li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini etnika jew ir-reliġjon — madwar 64 %-87 %, skont iż-żona, indikaw li jafu biha. Ir-rispondenti huma l-aktar konxji tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-impjiegi u l-inqas konxji tal-protezzjoni relatata mal-akkomodazzjoni.
- Ħafna minn dawk li wieġbu (71 %) jgħidu li huma konxji ta' organizzazzjoni fil-pajjiż li toffri pariri jew appoġġ lil persuni li saret diskriminazzjoni kontrihom. Ir-rispondenti rreferew l-aktar spiss għal organizzazzjonijiet Lhudin li jispeċjalizzaw fis-sikurezza u s-sigurtà tal-komunità Lhudija u/jew l-antisemitiżmu, u l-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza jew tad-drittijiet tal-bniedem.

*"In-nuqqas ta' inċidenti antisemitiċi fl-ispazju pubbliku huwa prinċipalment minħabba l-fatt li ħafna Lhud, niddeċiedu li ma nużawx il-Kipá jew li nitkellmu ħafna dwar is-suġġett, sabiex ma ssirx diskriminazzjoni kontrina. Ma ssirx diskriminazzjoni kontrina, għax qed 'nistaħbew'."*
(Raġel, 35-39 sena, Spanja)

Is-sejbiet tal-istħarriġ jissuġġerixxu li l-antisemitiżmu jissarraf mhux biss f'reati ta' mibegħda, iżda wkoll fi trattament mhux ugwali f'oqsma ewlenin tal-ħajja. Iżda r-rata baxxa ħafna ta' rappurtar ta' diskriminazzjoni antisemitika, flimkien man-normalizzazzjoni apparenti tal-inċidenti, twaqqaf l-estent veru

tad-diskriminazzjoni antisemitika milli jiġi għall-attenzjoni tal-awtoritajiet, tal-korpi tal-ugwaljanza jew tal-organizzazzjonijiet tal-komunità rilevanti. Tqabbil tas-sejbiet mill-istħarriġ tal-2012 u tal-2018 juri li l-livelli ta' diskriminazzjoni antisemitika perċepita fl-impjieg, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-akkomodazzjoni u l-edukazzjoni baqgħu l-istess. Ma tista' tiġi osservata l-ebda bidla fir-rata ta' rappurtar, li għadha baxxa.

**"***L-antisemitiżmu li esperjenzajt huwa aktar sottili milli jista' jiġi deskritt f'formola bħal din. Bħas-silenzju stramb wara li għidt li jien Lhudi fuq ix-xogħol darba."* (Raġel, 25-29 sena, l-Iżvezja)

Is-sejbiet mill-istħarriġ tal-2018 juru li, fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, wieħed minn kull 10 (11 %) li wieġbu ħassew li saret diskriminazzjoni kontrihom fl-impjieg, fl-edukazzjoni, fis-saħħa jew fl-akkomodazzjoni minħabba li huma Lhud. Kważi tmienja minn kull 10 (77 %) ta' dawk li qalu li esperjenzaw tali diskriminazzjoni ma rrappurtawx l-aktar inċident serju lil xi awtorità jew organizzazzjoni. Ir-raġunijiet ewlenin li ngħataw għaliex ma sarx rapport huma l-perċezzjoni li ma kien se jinbidel xejn b'riżultat ta' dan (52 %); li l-inċident mhuwiex serju biżżejjed (34 %); u li ma kellhomx prova tad-diskriminazzjoni (33 %). Sadanittant, il-maġġoranza vasta ta' dawk li wieġbu huma konxji tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni (85 % fil-qasam tal-impjiegi, pereżempju), kif ukoll ta' organizzazzjonijiet li jistgħu joffru pariri jew appoġġ f'każijiet ta' diskriminazzjoni (71 %), inklużi organizzazzjonijiet tal-komunità tal-Lhud u korpi nazzjonali għall-ugwaljanza.

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) tipprojbixxi d-diskriminazzjoni etnika f'oqsma ewlenin tal-ħajja, inkluż l-impjieg, l-edukazzjoni, is-saħħa jew l-akkomodazzjoni. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi (2000/78/KE) tipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon jew twemmin fl-impjiegi. Id-direttivi jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom jiġu kkomunikati lil dawk ikkonċernati permezz ta' kull mezz xieraq u fit-territorju ta' kull pajjiż. Id-direttivi jipprevedu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għat-trasgressuri f'każijiet ta' diskriminazzjoni.

## Opinjoni 4 tal-FRA

*L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw li l-vittmi ta' diskriminazzjoni antisemitika jiġu mħeġġa u jiġu ffaċilitati biex jirrapportaw inċidenti lil awtoritajiet rilevanti, korpi tal-ugwaljanza jew organizzazzjonijiet ta' partijiet terzi. Dan jista' jinkiseb billi l-UE u l-Istati Membri tagħha jiffinanzjaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni ddedikati. Dawn il-kampanji jistgħu jiġu organizzati mill-ministeri rilevanti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza u mal-organizzazzjonijiet tal-komunità Lhudija, biex jiġi żgurat li l-messaġġi tagħhom ikunu mmirati aħjar. Kampanji bħal dawn jistgħu jenfasizzaw kif id-diskriminazzjoni antisemitika tikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem tan-nies u għaliex huwa utli għalihom li jfittxu rimedju. Kwalunkwe kampanja bħal din għandha tenfasizza wkoll li sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi jiġu imposti fuq dawk li jiksru l-liġi.*

## L-ISTĦARRIĠ FIL-QOSOR

Dan is-sommarju jippreżenta s-sejbiet ewlenin tat-tieni stħarriġ tal-FRA dwar l-esperjenzi u l-perċezzjonijiet ta' nies Lhud dwar reati ta' mibegħda, diskriminazzjoni u l-antisemitiżmu. Dan janalizza d-data mit-tweġibiet ta' 16 395 persuna li tidentifika ruħha bħala Lhudija (ta' 16-il sena jew aktar) fi 12-il Stat Membru tal-UE — l-Awstrija (AT), il-Belġju (BE), id-Danimarka (DK), Franza (FR), il-Ġermanja (DE), l-Italja (IT), l-Iżvezja (SE), in-Netherlands (NL), il-Polonja (PL), lr-Renju Unit (UK), Spanja (ES) u l-Ungerija (HU). Dawn l-Istati Membri jospitaw aktar minn 96 % tal-popolazzjoni Lhudija stmata tal-UE.[5]

**Kif sar l-istħarriġ?**

L-istħarriġ twettaq online matul Mejju u Ġunju 2018. Fin-nuqqas ta' oqfsa affidabbli għat-teħid ta' kampjuni, u abbażi tal-esperjenzi tal-istħarriġ tal-2012,[6] l-FRA għażlet li tuża stħarriġ online peress li dan jippermetti lir-rispondenti jlestu l-istħarriġ meta u fejn ikun l-aktar konvenjenti għalihom, bir-ritmu tagħhom, u bil-lingwi nazzjonali tagħhom. Il-mod tal-istħarriġ online għamilha possibbli wkoll li dawk li wieġbu jiġu offruti dettalji dwar l-FRA, l-organizzazzjonijiet li jimmaniġġjaw il-ġbir tad-data u dwar kif se tintuża d-data miġbura. Dan il-metodu kellu l-potenzjal li jippermetti lil persuni kollha interessati li jidentifikaw bħala Lhud fit-12-il Stat Membru tal-UE jieħdu sehem u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom. Kien ukoll il-metodu li seta' jintuża l-iżjed faċilment biex jiġu mistħarrġa rispondenti mill-Istati Membri magħżula kollha taħt kundizzjonijiet ugwali. Dan il-metodu ma jipprovdix kampjun ta' probabbiltà każwali li jissodisfa l-kriterji statistiċi għar-rappreżentattività. Madankollu, is-sejbiet tal-istħarriġ huma affidabbli u robusti, u jirrappreżentaw l-aktar data komprensiva disponibbli dwar l-esperjenzi tal-antisemitiżmu fl-UE.

**Min ħa sehem fl-istħarriġ?**

L-istħarriġ kien miftuħ għal individwi li għandhom 16-il sena u aktar li jqisu ruħhom bħala Lhud — abbażi tar-reliġjon, il-kultura, it-trobbija, l-etniċità, il-parentela jew kwalunkwe raġuni oħra — u li, fiż-żmien tal-istħarriġ, kienu qed jgħixu f'wieħed mill-pajjiżi tal-istħarriġ. L-akbar kampjuni nkisbu miż-żewġ pajjiżi li, skont l-istimi, għandhom l-akbar popolazzjonijiet ta' Lhud fl-UE — Franza u r-Renju Unit. Kampjuni ta' aktar minn 1 000 rispondent inkisbu fil-Ġermanja, fin-Netherlands u fl-Iżvezja. Għas-seba' pajjiżi li jifdal, id-daqsijiet tal-kampjuni varjaw minn 400 sa 800 rispondent.

**Id-daqsijiet tal-kampjun fl-Istati Membri kollha mistħarrġa**

| Pajjiż | N |
|---|---|
| L-Awstrija | 526 |
| Il-Belġju | 785 |
| Id-Danimarka | 592 |
| Franza | 3 869 |
| Il-Ġermanja | 1 233 |
| L-Italja | 682 |
| L-Iżvezja | 1 193 |
| In-Netherlands | 1 202 |
| Il-Polonja | 422 |
| Ir-Renju Unit | 4 731 |
| Spanja | 570 |
| L-Ungerija | 590 |

5 DellaPergola, S. (2016), *World Jewish Population, 2016*, Berman Jewish DataBank.

6 FRA (2013), *Discrimination and hate crime against Jews in EU Member States: experiences and perceptions of antisemitism*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

**Xi staqsa l-istħarriġ?**

L-istħarriġ staqsa lill-parteċipanti fuq l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tendenzi fl-antisemitiżmu, l-antisemitiżmu bħala problema fil-ħajja ta' kuljum, l-esperjenzi personali ta' inċidenti antisemitiċi, esperjenzi fejn raw inċidenti antisemitiċi iseħħu u inkwiet li jisfaw vittma ta' attakk antisemitiku. L-istħarriġ jipprovdi wkoll data dwar sa liema punt dawk li wieġbu jqisu l-atti antisemitiċi kontra l-komunità Lhudija — bħall-vandaliżmu ta' siti Lhudin jew messaġġi antisemitiċi fil-midja tax-xandir jew fuq l-internet — bħala problema fil-pajjiżi.

L-istħarriġ ġabar data dwar l-effetti tal-antisemitiżmu fuq l-imġiba ta' kuljum ta' dawk li wieġbu u s-sens ta' sigurtà tagħhom, u dwar kwalunkwe azzjoni li jieħdu minħabba l-biża' għas-sigurtà. Ġew segwiti l-mistoqsijiet dwar l-esperjenzi personali ta' forom speċifiċi ta' fastidju jew vjolenza fiżika b'mistoqsijiet li jikkonċernaw id-dettalji ta' tali inċidenti, inkluża l-frekwenza tagħhom, in-numru u l-karatteristiċi tal-awturi, u r-rappurtar tal-inċident lil kwalunkwe organizzazzjoni jew istituzzjoni. L-istħarriġ ġabar data dwar l-esperjenzi personali ta' meta ħassew li saret diskriminazzjoni kontrihom għal raġunijiet differenti u f'diversi oqsma tal-ħajja ta' kuljum — pereżempju, ix-xogħol, l-iskola, jew meta jużaw servizzi speċifiċi. L-istħarriġ segwa l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni ta' dawk li wieġbu b'mistoqsijiet dwar ir-rappurtar ta' inċidenti u r-raġunijiet għaliex ma sarx rapport. L-istħarriġ esplora wkoll il-livell ta' għarfien dwar id-drittijiet fir-rigward tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi u l-għarfien ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni li tikkonċerna t-trivjalizzazzjoni jew iċ-ċaħda tal-Olokawst.

**Preżentazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġ**

Meta r-riżultati tal-istħarriġ jiġu ppreżentati għat-12-il Stat Membru tal-UE, il-medja tal-pajjiżi kollha hija aġġustata b'piż li jqis id-differenzi fid-daqs tal-popolazzjoni Lhudija fil-pajjiżi differenti. Il-kalkoli huma bbażati fuq il-punt tan-nofs tal-istimi tal-popolazzjoni Lhudija ewlenija u estiża fil-pajjiżi magħżula (għall-istimi, ara DellaPergola, S., *World Jewish Population*, Berman Jewish DataBank, 2016). Dan isir sabiex jiġu aġġustati l-kampjuni miksuba b'mod proporzjonali, b'tali mod li jinżammu r-relazzjonijiet korretti bejn il-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi differenti għas-sejbiet fil-livell tal-UE.




Dan ir-rapport jiddeskrivi fil-qosor is-sejbiet ewlenin tat-tieni stħarriġ tal-FRA dwar l-esperjenzi ta' persuni Lhud rigward reati ta' mibegħda, diskriminazzjoni u antisemitiżmu fl-Unjoni Ewropea — l-akbar stħarriġ fost il-persuni Lhud li qatt sar madwar id-dinja. L-istħarriġ ikopri 12-il Stat Membru tal-UE, u laħaq kważi 16 500 individwu li jidentifikaw bħala Lhud. Dan isegwi l-ewwel stħarriġ tal-aġenzija, li sar f'seba' pajjiżi fl-2012.

Ir-riżultati mhumiex pjaċevoli biex taqrahom. Huma jenfasizzaw li l-antisemitiżmu għadu pervażiv madwar l-UE — u, b'ħafna modi, ġie normalizzat b'mod inkwetanti. L-informazzjoni importanti pprovduta hawnhekk tista' tappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika madwar l-UE biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw is-sigurtà u d-dinjità tal-persuni Lhud kollha li jgħixu fl-UE.

## Aktar informazzjoni

Għar-rapport sħiħ tal-FRA dwar is-sejbiet tal-istħarriġ — *Experiences and perceptions of antisemitism – Second survey on discrimination and hate crime against Jews in the EU* ("Esperjenzi u perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu — It-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE"), ara: http://fra.europa.eu/en/publication/2018/2nd-survey-discrimination-hate-crime-against-jews

Għal informazzjoni dwar il-ġbir tad-data tal-FRA dwar inċidenti antisemitiċi u reati ta' mibegħda, ara:

- FRA (2018), *Antisemitism - Overview of data available in the European Union 2007–2017* ("Antisemitiżmu: Ħarsa ġenerali lejn id-data disponibbli fl-Unjoni Ewropea 2007–2017"), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
- FRA (2018), 'Racism, xenophobia and related intolerances' ("Razziżmu, ksenofobija u intolleranzi relatati"), Kapitolu 4 fi: *Fundamental Rights Report 2018* ("Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2018"), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
- FRA (2013), *Discrimination and hate crime against Jews in EU Member States: experiences and perceptions of antisemitism* ("Diskriminazzjoni u reati kontra l-mibegħda kontra l-Lhud fl-Istati Membri tal-UE: l-esperjenzi u l-perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu"), L-Ewwel Stħarriġ, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Għal informazzjoni dwar il-ħidma tal-FRA dwar l-Olokawst u l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, ara: http://fra.europa.eu/en/project/2006/holocaust-and-human-rights-education

Reat ta' mibegħda
Diskors ta' mibegħda
L-Ugwaljanzà
In-nondiskriminazzjoni

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

**FRA — L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI**

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – L-Awstrija
Tel. +43 (1) 580-60 – Fax +43 (1) 580 30-693
fra.europa.eu
facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea Għad-Drittijiet Fundamentali, 2019

Ritratti (mix-xellug għal-lemin/mir-ringiela ta' fuq): © Stock.adobe.com_Rafael Ben-Ari; Stock.adobe.com_brat82; Stock.adobe.com_dubova; Shutterstock.com_129757388; Stock.adobe.com_ Odelia Cohen; Stock.adobe.com_ REDPIXEL; Stock.adobe.com_ Menschen; Stock.adobe.com_ Sergey Nivens; Stock.adobe.com_ superelaks.

Print ISBN 978-92-9474-639-9 doi:10.2811/287867
PDF ISBN 978-92-9474-633-7 doi:10.2811/828176

TK-03-18-465-MT-C (print); TK-03-18-465-MT-N (PDF)